


# Il-Kappella ta' Marija Annunzjata f'Ħaż-Żabbar



kitba ta' Adrian Melbourne

Il-kult lejn Marija Annunzjata, huwa mifrux sew fil-gżejjer Maltin. Dan jixhduh id-diversi knejjes, kappelli, niċeċ u altari mferrxin fl-ibliet u ġo l-irħula tagħna.

Waħda minn dawn il-kappelli nsibuha proprju fil-qalba ta' Ħaż-Żabbar, proprju ftit 'il bogħod mis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Il-knisja ta' l-Annunzjata kif narawha, inbniet madwar l-1865 flok oħra wisq iżjed antika li kienet ipprofonata fl-1760 mill-Isqof Rull minħabba li kienet waslet biex taqa'. Il-knisja l-antika, kif naqraw fiż-żjara pastorali ta' l-Isqof Duzina, kienet ferm sabiħa. Madwarha kellha ġnien bis-siġar, li kien jagħmilha aktar ta' ħajt u kienet tħares lejn il-Bieb il-Ġdid; illum magħruf bħala *Żabbar Gate*.



Il-kwadru titulari; fl-imgħoddi, ma kienx l-istess wieħed li naraw illum. Minn inventarju ta' l-1699 jidher li qabel dan il-kwadru titulari kien hemm mhux inqas minn tlieta oħra; li ħadd ma jaf x'sar minnhom. L-ewwel kwadru titulari jidher li kien dak li fl-imsemmi inventarju jissejjaħ *imqabar ħafna*, u kien imdendel fis-sagristija. Minflok ma ġie rrestawrat, dan il-kwadru tneħħa biex jitqiegħed ieħor floku; forsi iżjed artistiku; li kien jirrappreżenta wkoll *l-Annunzjata*. Anke dan il-kwadru biż-żmien tneħħa minn postu u tqiegħed floku ieħor bix-xbieha tal-Madonna ta' Trapani bħall-istatwa mirakoluża li hemm fis-Santwarju ta' l-Annunzjata ta' din il-belt. Dan il-kwadru kien fi prospettiva ta' l-injam bil-kolonni li llum tinsab fil-knisja ta' Santa Marija ta' l-Indirizz, f'Ħaż-Żabbar ukoll.

Barra l-artal maġġur; f'din il-knisja kien hemm żewġ artali oħra li ma nafux lil min kienu ddedikati. Nafu biss illi fl-inventarju li semmejna jissemmew erba' kwadri li kienu jirrappreżentaw lil San Ġwann, lill-Madalena, lil Sant'Anna u r-Riżurrezzjoni. Tnejn minnhom aktarx kienu t-titulari ta' l-artali li semmejna. Iż-żewġ artali laterali, li naraw illum, huma ddedikati wieħed lil San Ġużepp u l-ieħor lil Sant'Agata. Fl-1656; f'din il-knisja twaqqfet il-Kongregazzjoni Marjana bi statuti li ġew approvati fid-19 ta' Novembru 1668. Fl-1909 twaqqfet mill-ġdid Kongregazzjoni Marjana bl-isem ta' *Filie di Maria*.

Illum il-ġurnata, din il-kappella tinfetaħ tliet darbiet fil-ġimgħa – it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa – għall-ġurnata adorazzjoni.

**Ref:** *Żjara lill-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar*, Dun Ġużepp Zarb, Kappillan.